**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 15**

**L-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku (wasal 18.11) |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier (telaq 19.10) |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**15.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**15.01.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**15.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 14)**

**15.02.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina u l-Kunsillier Jeffrey Scicluna għamlu referenza għall-punt 14.06.01 – Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv li fiha s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kienet infurmat lill-Kunsilliera preżenti li kellha diversi laqgħat ma' Shireburn dwar l-implimentazzjoni ta' Sistema għal HR u Payroll. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell kienet spjegat l-użu tas-sistema u t-taħriġ li kienet tinvolvi

**15.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-minuti ta' seduta **14** ġew approvati unanimament.

**15.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**15.03.01** Xejn

**15.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**15.04.01** Is-Sindku John Schembri semma li l-Iskema: SPI/SCI/02/2025 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 ġiet milqugħa. Is-Sindku John Schembri qal li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa se jibbenefika minn €17.000 sabiex tkun tista' ssir, "Il-Lejla Ħal Luqija." Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna talab li jekk mhux problema titressaq id-data, 22 ta' Awwissu 2025, għal data aktar tard. Is-Sindku John Schembri għall-ewwel qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsilliera preżenti urew it-tħassib tagħhom li jekk issir wara Awwissu, jintilef l-iskop tas-serata għaliex kważi jkun għadda s-Sajf, u anke minħabba t-tibdil tat-temp. Għalhekk, is-Sindku John Schembri qal li d-data se tibqa' kif kien miftiehem qabel, inkella jintilef l-iskop tas-serata.

**15.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**15.05.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina reġa' saħaq fuq il-problema tat-trasport li qed jaffaċċjaw ir-residenti ta' Ħal Luqa. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li l-X1, X2, X3, X4, 135 (San Vinċenz) inġabret f'waħda li twaqqfek il-Marsa Park and Ride. Is-Sindku John Schembri qal li kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku Keith Bartolo se jitolbu laqgħa ma' Transport Malta dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku John Schembri kompla jgħid li matul din il-laqgħa huwa se jkun qiegħed jitlob li ssir venda f'Ħal Luqa u li żewġ karozzi tal-linja jitilqu minn Ħal Luqa direttament.

**15.05.02** Il-Kunsillier Frederick Aquilina għamel referenza dwar il-Whats app chat li għandhom il-Kunsilliera flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo qal li hu m'għandux problema li ċ-chat terġa' tinfetah basta jintefgħu affarijiet bis-sens u bi skop. Is-Sindku John Schembri qabel u għalhekk kien deċiż li ċ-chat terġa' tinfetaħ. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell minnufih fetħet iċ-chat.

**15.05.03** Il-Kunsillier Frederick Aquilina informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Iskema: SPI/SCI/03/2025 Lokalitajiet Aktar Nodfa 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li s'issa għad m'għandiex risposta dwar din l-iskema.

**15.05.04** Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell dwar jekk din is-sena, il-ħaddiema ta' barra hux se jingħtaw sunblock. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell wieġbet li s-sunblock għall-ħaddiema diġa' ordnat u se jasal fil-jiem li ġejjin.

## 15.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**15.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsilliera preżenti li bħalissa għaddej l-Audit 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell spjegat li dan l-audit kien qed isir issa minħabba li l-audit skedat, kellu jieqaf mat-tieni jum minħabba raġunijiet li ma kellnix kontroll fuqhom.

**15.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li hija rċeviet komunikat mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar l-arretrati tal-ħaddiema tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell tat struzzjonijiet biex dawn jibdew jinħadmu sabiex jittieħdu mal-paga ta' Lulju.

## 15.07 Korrispondenza

**15.07.01** Xejn

## 15.08 Quarterly Report (Jannar sa Marzu 2025)

**15.08.01** L-accountant tal-Kunsill Lokali, is-Sur Joseph Piscopo fisser kif l-allokazzjoni tal-Kunsill Lokali saret wisq tight. Is-Sur Piscopo kompla jgħid li bejn il-problema tal-iskart, l-ammont tat-tipping fees li jmur dirett għand ir-reġjun, il-paga ta' Segretarju Eżekuttiv full time u spejjeż oħra, l-allokazzjoni mhux qed tkopri wisq. Is-Sur Piscopo sostena li fl-ewwel kwart, bejn l-ispejjeż tal-Milied, id-deficit tal-Kunsill kien €31,000, deficit li hu pjuttost għoli. Is-Sur Piscopo fisser li mat-tieni kwart il-Kunsill Lokali jibda jirkupra. Is-Sur Piscopo semma kif €41,000 marru għall-pagi, €87,000 operat u li dan kollu jaffettwaw il-finanzi tal-Kunsill.

## 15.09 Evalwazzjoni tal-attivitajiet li saru relatati mal-Ġimgħa Mqaddsa

**15.09.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li x-xemgħat fuq iz-zuntier ma ntremgħux kollha minħabba li kien riħ. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega li għal din is-sena saru silhouettes mad-dawra tal-Knisja, u li dawn ikkontribwixxew għall-atmosfera ta' Ħamis ix-Xirka.

## 15.10 Skema: SPI/SCI/04/2025: Finanzjament Milied 2025

**15.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna fisser li din l-attivita` se ssir fil-Knisja Parrokjali ta' Ħal Luqa u li fiha se jieħdu sehem baned li jduru kemm ma' Ħal Luqa kif ukoll ma' Ħal Farruġ. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna kompla jgħid li d-dħul għal din l-attivita` huwa bla ħlas u għalhekk ma jkunx hemm inkwiet fuq it-temp. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega

li l-bankarelli se jsiru fuq ġewwa u din l-attivita` se tiffoka iżjed fuq talent Luqi, jiġifieri pjanisti, kantanti u żeffiena Luqin.

## 15.11 Jum il-Lokal

**15.11.01** Is-Sindku John Schembri qal li nhar il-15 ta' Mejju 2025, f'Jum il-Lokal eżatt, se ssir quddiesa fis-18.30 fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa. Is-Sindku John Schembri fisser li wara se ssir wirja fit-tieni sular, fil-binja tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna kompla jgħid li għal din il-wirja se jieħdu sehem it-tfal tal-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa u ż-żewġ fotografi tal-lokal Max Cassar u Emanuel Cauchi. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna tenna li din il-wirja se tittratta l-flora u l-fauna.

**15.11.02** Is-Sindku John Schembri qal li fis-16 ta' Mejju, imbagħad se jkollna l-podcast tar-Ricky maż-Żgħażagħ dwar is-sehem tagħhom fil-politika. Il-Kunsillier Matthew Spiteri qal l-ispiża kollha għal dan il-podcast huwa ta' €636 u l-ispiża se tinqasam mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet li bħala commitment li din l-ispiża se tinqasam mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, għandha bżonn kopja tal-minuti fejn il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ddiskuta dan il-podcast u li fih kien hemm qbil li jinqasmu l-ispejjeż.

**15.11.03** Is-Sindku John Schembri qal li Ġieħ Ħal Luqa se jsir nhar l-1 ta' Ġunju 2025, fit-8.30 b'quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa u wara l-quddies se jsir korteo sal-monument tal-Gwerra. Waqt din il-laqgħa tal-Kunsill, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha ta' min għandu jieħu Ġieħ il-Lokal u Rikonoxximent.

**Ġieħ il-Lokal: Leanne Ellul, Dr Noel Camilleri u Bajada Brothers.**

**Rikonoxximenti: Neil Żammit, Audrey Friggieri, Audrey Mercieca, Stephanie Galea, Kieron Sultana, Frans Żammit, Aaron Cachia u Jake Blake Gomez.**

## 15.12 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

**15.12.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Viċi Sindku Keith Bartolo, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 15.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**15.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 5 ta' Ġunju 2025, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum il-Ħamis 5 ta' Ġunju 2025.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |